**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Settembru, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Carmel Camilleri**

**1.** Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmel Camilleri ta' 40 sena, iben Carmelo u Michelina xebba Desira, imwieled Pieta', Malta nhar it-22 ta' Frar 1980 residenti gewwa Darymple, Triq il-Katakombi, Mqabba u detentur tal-karta tal-identità numru 141980(M)

1. Akkuzat talli nhar id-9 ta' Marzu 2020 u fil-jiem ta' qabel, gewwa l-gzejjer Maltin gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Doris Anne Camilleri u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1) a, (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Akkuzat ukoll talli nhar id-9 ta' Marzu 2020 ghall-habta ta' bejn is-sitta ta' filghodu (06:00hrs) u s-sebgha ta' filghodu (07:00hrs) gewwa l-fond Darymple, Triq il-Katakombi, Mqabba u/jew f'inhawi ohra fil-gzejjer Maltin, minghajr il-hsieb li joqtol

jew li jqiegħed il-ħajja ta' Doris Anne Camilleri f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa b'konsegwenzi semplici fuq il-persuna ta' martu Doris Anne Camilleri, hekk kif iccertifika Dr Clive Gauci (Numru ta' registrazzjoni medika 3485) dan bi ksur tal-Artikoli 221(3)(a), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Akkuzat ukoll talli nhar id-9 ta' Marzu 2020 u fil-jiem ta' qabel, gieghel lil Doris Anne Camilleri li tibza' li vjolenza ser tintuza kontriha jew kontra l-propjeta taghha u dan bi ksur tal-Art. 251B (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Akkuzat ukoll talli nhar id-9 ta' Marzu 2020 ghall-habta ta' bejn s-sitta ta' filghodu (06:00hrs) u s-sebgha ta' filghodu (07:00hrs) u fil-jiem ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin għamel lil Doris Anne Camilleri inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Doris Anne Camilleri ai termini ta' l-Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk ittrattat.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

**5.** Il-fatt saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

**6.** Nhar id-9 ta' Marzu 2020 ghal habta tas-1.25pm, Doris Ann Camilleri marret ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, li kien ghad kemm kellha xi tghid mar-ragel

taghha, l-imputat odjern, u allegat li f'dan l-argument huwa kien agixxa agressivament fil-konfront taghha. Hija qalet ukoll li ma kinitx l-ewwel darba li huma kellhom argumenti bejniethom.

**7.** Il-Pulizija ikkuntattjat l-addetti tal-Agenzija Appogg sabiex isir risk assessment fuq Doris Ann Camilleri, li skorja gholi, 14 points;

**8.** Konsegwenement il-Pulizija arrestat lill-imputat u tressaq il-Qorti mixli bl-imputazzjonijiet odjerni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

**9.** Fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2020, il-parte leza, Doris Ann Camilleri infurmat lill-Qorti li hafret lill-imputat u ma xtaqitx li dawn il-proceduri jitkomplew. Il-Qorti issospendiet ix-xhieda taghha u hatret avukat tal-ghajnuna legali sabiex ix-xhud tiehu parir legali minghandu dwar dak li kienet qed titlob lil din il-Qorti.

**10.** Iktar tard fl-istess seduta regghet dehret Doris Ann Camilleri assistita mill-avukat tal-ghajnuna legali, u x-xhud baqghet tinsisti li ma tixtieqx li tixhed kontra l-imputat, li huwa zewgha u li ghandhom tifel ta' seba' (7) snin. Hija qalet li l-imputat kien weghdha li lest li jiehu t-trattament necessarju, inkluz li jaghmel programm ta' riabilitazzjonizjoni mid-droga, sabiex ir-relazzjonijiet ta' bejniethom jergghu jirrangaw.

**11.** Il-Qorti wissiet lix-xhud li jekk din il-Qorti tezentaha milli tixhed, ma kienx se jkun hemm provi bizzejjed biex l-imputat jinstab hati, u ma setghetx fil-futur tirreferi ghal dawn il-proceduri. Dan nonostante, ix-xhud baqghet tinsisti li ma riditx tixhed kontra l-imputat.

**12.** Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali ezentat lix-xhud Doris Ann Camilleri milli tixhed, stante li kienet il-mara tal-istess imputat.

**13.** Ghalhekk, il-Qorti ghandha biss ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur dwar dak li qallu l-imputat waqt l-interrogatorju, ix-xhieda ta' PC 825 Theodore Busuttil li kellem lil

Doris Ann Camilleri meta ghamlet ir-rapport, u r-rapport tieghu, ix-xhieda taz-zewg addetti tal-Agenzija Appogg, li ghamlu r-risk assessment, u r-rapport taghhom, u x-xhieda tat-tabib Dottor Clive Gauci u c-certifikat mediku minnu mahrug.

**14.** Fin-nuqqas tax-xhieda tal-parte civile, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat – apparti l-istqarrija tal-imputat u c-certifikat mediku, huma biss *detto del detto* li *se mai* setghu jikkorroboraw ix-xhieda tal-parte civile, kieku din xehdet, pero li wahedhom certament mhux bizzejjed biex jippruvaw htija sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**15.** Rigward ic-certifikat mediku esebit, Dottor Clive Gauci ma ftakarx x'qaltlu l-parte civile dwar ghaliex kellha hmura u nefha fuq il-warda tal-lemin ta' wiccha. Fil-fatt, meta gie mistoqsi jekk kienx iddetermina dik il-ferita kif kienet saret, huwa qal li ma jiftakarx, ghax hu ma jzommx noti ta' x'jghidulu l-pazjent. Certament hmura u nefha fil-wicc tista' tigi ikkagunata minn diversi incidenti.

**16.** Fl-istqarrija tieghu, l-imputat cahad li huwa kellu dan l-argument ma' martu u li kien aggressiv maghha, u li ikkagunalha xi griehi hfief. Huwa cahad ukoll l-allegazzjonijiet li ghamlet martu kontrieh.

**17.** Fid-dawl tas-suespost, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, ssib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**Deputat Registratur**

**Magistrat** **Doreen Pickard**